# Xi kittieba ta' Franza

## BALZAC (1591—1654)

Jean Louis Guez, *seigneur de Balzac*, twieled f'Angoulême. Għalkemm żagħżugħ, kellu x'jaqsam ma' l-Ambaxxata tal-Kadinal La Vallette, u b'hekk dam sentejn Reims. Kienu l-ittri li kien kiteb minn dina l-belt li għamluh magħruf. Megħjun minn Richelieu, rnexxilu jieħu pensjoni ta' elf skud mingħand ir-re, u tawh ukoll l-isem ta' Rusilier ta' l-Istat. Ma

damx wisq ma xeba' mill-ħajja tal-Qorti tar-Re; ta' tletin sena huwa reġa' mar jgħammar fil-Palazz tiegħu ta' Balzac, ħdejn ix-xmara Charente, fejn inxteħet għall-istudju u għall-karità man-nies ta' l-inħawi. Huwa maħsub li s-saħħa li kienet bdiet tonqoslu, ġagħlitu jagħmel dana imma jista' jkun ukoll li kellu xi jgħid jew sab ruħu f'xi taħwid fil-Qorti tar-Re. U hekk, il-bogħod minn Pariġi *l-eremita tax-Charente* għex, dejjem imfittex mid-dar ta' Rambouillet, li kienet tqisu bħala s-sid tagħha. Kultant kien jinqalagħlu xi twegħir mal-kittieba l-oħra jew fuq il-kitba tiegħi n-nifsu; imma huwa dejjem żamm iebes u mexa fit-triq tas-sewwa. Miet mewta ta' nisrani mill-aħjar.

Barra mill-Itrri, li f'għajnejn in-nies ta' żmenijietu, kienu il-kitba li għamlitlu ġieħ, Balzac ħalla xi kitba oħra:

*Il-Prinċep*. li huma l-ħsiebijiet tal-kittieb ta' *prinċep, perfett*, li fil-ħsieb tal-kittieb kien *Wiġi XIII; Aristippe* jew *Il-Qorti tar-Re*; *Sokrate Nisrani*, kitba fuq it-twemmin ta' Kristu, li, għalkemm mhix magħduda bħala xogħol kbir, b'dana kollu hemm xi bċejjeċ li huma ta' sbuħija kbira.

X'KIENET L-HÔTEL RAMBOUILLET:

Catherine de Nivonne, bint il-Markiż ta' Pisani, Ambaxxatur Franċiż f'Ruma, u ta' Julie Savelli, mara sinjura ta' nisel taljan, iżżewġet fl-1600 lil Charles d'Argennes markiż ta' Rambouillet.

Iż-żagħżugħa markiża mara sabiħa ta' tieba u li tiġbdek, kienet saret tant tobgħod id-drawwiet koroh u moqżieża tal-Qorti tar-Re ta' dak iż-żmien, ġieha l-ħsieb li toħloq bħal għaqda magħmula min-nies magħżulin li kienu jħobbu l-ilsien franċiż u li kienu ta' drawwiet tajba.

Għalhekk fid-dar tal-markiża kienu jintaqgħu nies ta' għerf u ta' ġieħ kbir, u l-għonja kienu setgħu jintaqgħu ma' nies mgħallma u ma' kittieba. Hekk inħolqot l-*Hôtel de Rambouillet* (*Hôtel* tfisser *dar* bil-franċiż) żmien wara rat xi wħud mill-akbar kittieba ta'. Franza.

BERANGER (1780—1857)

Pierrer Jean de Béranger twieled minn familja fqira, f'waħda min-naħat l-aktar imgħammrin ta' Pariġi. Wara li għadda tfulitu jiġri 'lhemm u 'lhawn, Béranger ġie mqiegħed ma' wieħed tabbiegħ *(Stampatur)*; is-sisien tat-tagħlim tiegħu kienu xi kotba ta' Voltaire li ġewlu f'idejh. Minn hawn il quddiem inxteħet għall-kitba ta' poeżija: Għall tnax-il-sena huwa kien jaħdem fl-uffiċċi ta'l-Università; dan ix-xogħol kien iħallilu ħafna żmien biex jikteb xi poeżija, dina kienet tkun xi *għanja* (chanson). Dak iż-żmien l-*għanja* kienet tingħoġob ħafna,

l-aktar mill-kotra; Beranger mall-ewwel induna xi trid il-kotra u beda jikteb *għanjiet* li kienu jolqtu l-qlub. Ħafna drabi ġie mixħut il-ħabs fuq qlubija żejda; b'dana kollu kont tisimgħu jgħanni minn wara l-ħadid tat-twieqi tal-ħabs tas-Sainte Pelagie ! Ġie mtella' fl-Assemblea tal-1848, imma wara ftit telaq minn dan il-port.

L-*għanjiet* ta' Béranger kienu ta' ħafna lwien: fuq Filosofija, Politka, ta' Ferħ etc.

Xi wħud minnhom huma ta' sbuħija kbira, imma jisgħobbija ngħid, l-għerf ta' dan il-kittieb ma sewiex għal-ħaġ' oħra ħlief biex waqqa' għaċ-ċajt ir-Reliġion u l-Membri tal-Knisja, u biex jiddieħek bil-Gvern. Mexa fuq il-qawl pagan: *Il-mewt tiġi, mela nifirħu bil-ħajja.*

## BUFFON (1707—1788)

Georges-Leouis Leclerc, Konti ta' Buffon, twieled f'Montbard en Bourgogne; huwa kien iben kunsulier fil-parlament ta' Dijon. Minn kmieni nxteħet għall-istudju, u ntilef fuq il-ġometrija, għalkemm dina qatt ma ġiet lilu mgħallma. Ix-xewqa bla temma li kellu għat-tagħlim urew mill-ewwel li dana l-bniedem kien ser ikun bniedem ta' ħila. Ix-xeħta tiegħu, ta' bniedem kburi, twil u ta' qawwa kbira u ta' karattru donnha kienet turi li kien maħluq biex jagħmel ħwejjeġ kbar. Għalaq it-taħriġ tiegħu bi' vjaġġ li għamel fl-Ingilterra u fl-Italja flimkien mal-ħabib tiegħu, iż-żagħżugħ Lord Kingston. Wara dal-vjaġġ taha għax-xogħol tax-xjenza; fost ħwejjeġ oħra, reġa' ipprova mill-ġdid kif kienu jaħdmu l-mirja li jaħarqu, ta' Arkimede, ftit wara, msejjaħ biex jagħmilha ta' *kuratur* tal-Ġonna tar-Re (1730); dina l-ħatra wittietlu t-triq għal dak li kellu jiġi wara.

Buffon ma l-ewwel ħaseb biex jagħmel magħrufa ma' kull-ħadd is-sabiħa xjenza; l-Istorja Naturali, u għalhekk beda jikteb ix-xogħol kbir tiegħu, *L-Istorja Naturali.* Nies għorrief bħal *Dabenton*, *Gueneau de Montbellard* u *l-Abbati Bexon* kollha kittieba mill-aħjar, għenuh ħafna fix-xogħol tiegħu. Din l-Istorja ħaditlu *ħamsin* sena biex jiktibha.

Barra minn ftit taż-żmien li kien iqatta' f'Pariġi kull sena, Buffon qatt ma kien iħalli Montbard, kien iqum fil-ħamsa ta' fil-għodu, u kien jgħaddi il-biċċa l-kbira tal-jiem fuq mejda tal-kitba tiegħu. Hawnhekk, mingħajr l-ebda tfixkiel ta' ħafna kotba u karti, huwa kien jaħseb ħafna, imma kien jikteb ftit.

*L-Istorja Naturali* ġiet mitbugħa u maħruġa, u minnufih ġiet milqugħa tajjeb ħafna, kemm mill-franċiżi kif ukoll mill-barranin. Wiġi XV għamlu Konti ta' Buffon; l-*Academie*, meta rat kif ġie milqugħ il-kittieb, daħħlitu fi ħdanha,

u l-kotra għamlitha xbieha tiegħu fid-daħla tal-Mużew, b'dawn il-kelmiet miktubin taħtha: *Majestati naturae par ingenium* (Għerf kbir daqs il-kburija tan-Natura); huwa wkoll ġie mogħti ħwejjeġ ta' fejda kbira mill-ħakkiema tad-Danemarka, ta' l-Isvezja u tar-Russja. Buffon henna ruħu b'dawn il-ħwejjeġ kollha, mingħajr ħafna ftaħir, u mingħajr ma jindaħal fit-taħwid politku, ta' dak iż-żmien. Miet fil-15 ta' April, 1788. Għall-kemm ħafna ma kellhomx fejda fil-ħsibijiet reliġjużi tiegħu, huwa minnu li Buffon miet ta' Nisrani twajjeb.

Buffon kiteb ukoll it-*Taħditiet fuq l-Istat.* Dawn ġew mogħtijin minnu n-nifsu meta ġie mdaħħal fl-*Academie*, fil-25 ta' Awissu, 1752.

*L-Academie française:* Din l-għaqda tal-kittieba nħolqot fl-1635 fi żmien il-Kardinal Richelieu li għena ħafna biex timxi quddiem; ġiet magħquda biex issaffi l-ilsien franċiż u biex tgħin il-kitba ta' dak l-ilsien. Fi żmien ir-Rivoluzzjoni ġiet maħlula; reġgħet ġiet magħquda b'xi tibdil fl-1796 għandha 40 imsieħeb, kanċellier direttur u segretarju; u fl-1816: reġgħet ġiet għalli kienet qabel.